KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fit-23 ta' Frar 2010[1]

1. Dawn il-kawżi għandhom mill-ġdid il-għan li jikkunsidraw il-konformità mad-dritt Komunitarju tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li jirrigwardaw il-logħob tal-flus fil-każ partikolari ta' logħob propost fuq l-internet.

2. Huma jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Svediża dwar l-imħatri li, fil-kuntest ta' sistema ta' drittijiet esklużivi, jipprojbixxu u jissanzjonaw kriminalment il-promozzjoni fl-Isvezja ta' lotteriji organizzati barra minn dan l-Istat Membru. Huma oriġinaw mill-proċeduri kriminali mressqa kontra żewġ edituri ta' żewġ ġurnali ta' kuljum, Svediżi, minħabba l-pubblikazzjoni li dehret fil-ġurnali tagħhom għall-imħatri proposti fuq l-internet minn diversi kumpanniji tal-logħob tal-flus stabbiliti fi Stati Membri oħra.

3. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-konformità mal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi u mal-libertà tal-istabbiliment tal-leġiżlazzjonijiet li jibbażaw fuqhom dawn il-proċeduri u, b'mod partikolari, tad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-pieni applikabbli għall-promozzjoni fl-Isvezja ta' logħob organizzat barra minn dan l-Istat Membru. Hija tagħmel ħames domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkopru ż-żewġ domandi li ġejjin.

4. L-ewwel nett, il-leġiżlazzjoni Svediża, li tissuġġetta l-logħob tal-flus għal sistema ta' drittijiet esklużivi bil-għan li tiġi miġġielda l-kriminalità u li tipproteġi l-konsumaturi, tista' titqies bħala proporzjonata ma' dawn l-għanijiet meta hija għandha wkoll bħala għan li tiffinanzja attivitajiet soċjali, li parti mill-qligħ miksub mill-fornituri tal-logħob awtorizzat imur għand l-Istat u li l-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob mill-operaturi awtorizzati ma hijiex suġġetta għal ebda restrizzjoni min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti? Barra minn hekk, il-fatt li kumpannija li topera l-logħob fuq l-internet tkun awtorizzata, fl-Istat Membru li fih hija stabbilita, li teżerċita l-attivitajiet tagħha f'dan il-pajjiż, jipprekludi lil Stat Membru ieħor milli jipprojbixxi l-promozzjoni tal-logħob fuq l-internet ta' din il-kumpannija fit-territorju tagħha?

5. It-tieni nett, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni hija konformi mad-dritt Komunitarju meta tissanzjona kriminalment biss il-promozzjoni tal-lotteriji organizzati fi Stati Membri oħra u

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż

mhux il-pubblikità għal-lotteriji organizzati fl-Isvezja mingħajr awtorizzazzjoni?

6. Wara d-deċiżjonijiet tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International [2]. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li minħabba r-riskji partikolari ppreżentati mil-logħob tal-flus propost fuq l-internet, Stat Membru li jkun għażel li jirriżerva d-dritt esklużiv li jopera tali logħob lill-operatur li jeżerċita l-attività tiegħu taħt il-kontroll strett tal-awtoritajiet pubbliċi bil-għan li jipproteġi l-konsumaturi kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità seta', b'mod validu, jipprojbixxi lill-operaturi l-oħra, stabbiliti fi Stati Membri oħrajn, fejn huma jipprovdu, b'mod legali, servizzi simili, billi jipproponu l-logħob tagħhom fuq l-internet lill-persuni residenti fit-territorju tiegħu.

7. F'dawn il-konklużjonijiet, jiena ser nissuġġerixxi li r-risposta għad-domandi tal-qorti tar-rinviju għal dak li jirrigwarda l-proporzjonalità tal-leġiżlazzjoni tagħha, sa fejn din tipprojbixxi li ssir il-promozzjoni tal-logħob fuq l-internet propost minn kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra, tista' tiġi dedotta mis-sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq. Jiena ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi li d-dritt Komunitarju, f'dan il-każ l-Artikolu 49 KE, ma jipprekludix tali leġiżlazzjoni, peress li dan għandu bħala għan u bħala effett li jipproteġi lill-konsumaturi kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità tal-logħob fuq l-internet.

8. Wara, jiena ser nissuġġerixxi, bħala risposta għat-tieni domanda, li l-miżuri, adottati bil-għan li jiggarantixxu l-applikazzjoni effettiva ta' tali leġiżlazzjoni, għandhom ikunu nondiskriminatorji. Minn dan jiena ser niddeduċi li l-Artikolu 49 KE jipprekludi l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissanzjona kriminalment il-promozzjoni tal-logħob fuq l-internet organizzat minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor u mhux il-pubblikità ta' tali logħob organizzat fit-territorju nazzjonali mingħajr awtorizzazzjoni.

I — Il-kuntest ġuridiku

9. Il-liġi dwar il-lotteriji u l-logħob tal-ażżard (lotterilagen) [3] tirregola, bħala prinċipju, il-forom kollha tal-logħob tal-flus proposti lill-pubbliku fl-Isvezja, bħall-imħatri, il-lottu, it-tombla, il-magni tal-flus u r-rulett.

10. L-għanijiet tal-politika Svediża fil-qasam tal-logħob ġew deskritti fil-qosor fix-xogħlijiet preparatorji tal-lotterilagen kif ġej:

2 — C-42/07, Ġabra p. I-7633.

3 — SFS 1994 Nru 1000, iktar 'il quddiem il-"lotterilagen".

"Il-politika li tirrigwarda l-logħob għandha […] tkompli timmira lejn suq ta' logħob nadif u sigur, li jissodisfa, taħt forom ikkontrollati, l-interess tal-protezzjoni soċjali u d-domanda tal-persuni li jilagħbu. Il-qligħ mil-logħob għandu jiġi protett u jkun dejjem intiż għall-finijiet ta' interess ġenerali jew ta' utilità politika, jiġifieri għall-attivitajiet tal-assoċjazzjonijiet, għall-attivitajiet ekwestri u għall-Istat. Bħalma kien il-każ sa issa, l-għan għandu jkun li tingħata prijorità lill-kunsiderazzjonijiet ta' protezzjoni soċjali kif ukoll lill-interess ta' offerta varjata ta' logħob filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni r-riskju ta' frodi u ta' logħob illegali."

11. Skont il-qorti tar-rinviju, il-lotterilagen hija intiża, għaldaqstant, biex tiġġieled il-kriminalità u d-danni fil-qasam soċjali u ekonomiku, li tipproteġi l-interessi tal-konsumaturi u li tapplika d-dħul mil-lotteriji għall-finijiet ta' interessi ġenerali jew ta' utilità pubblika.

12. Id-dispożizzjonijiet tal-lotterilagen li huma rilevanti għal dawn il-kawżi jikkonċernaw, minn naħa, ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni biex jiġi organizzat il-logħob tal-flus u, min-naħa l-oħra, il-projbizzjoni tal-promozzjoni ta' tali logħob.

A — *Ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni biex jiġi organizzat il-logħob tal-flus*

13. L-Artikolu 9 tal-lotterilagen jipprovdi li, bħala prinċipju, hija meħtieġa awtorizzazzjoni sabiex jiġi organizzat il-logħob tal-flus fl-Isvezja.

14. Skont l-Artikolu 15 tal-lotterilagen, l-awtorizzazzjoni tista' tingħata lill-persuni ġuridiċi ta' dritt Svediż mingħajr skop ta' lukru li, skont l-istatuti tagħhom, il-finalità prinċipali tagħhom hija li jippromovu l-għan ta' utilità pubblika fit-territorju Svediż u li jeżerċitaw attivitajiet li jissodisfaw prinċipalment dan il-għan. Skont l-Artikolu 45 tal-lotterilagen, il-Gvern Svediż jista' wkoll jagħti l-awtorizzazzjonijiet speċjali għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-flus f'każijiet oħra barra dawk imsemmija mil-lotterilagen.

15. Skont il-prinċipju li s-suq tal-logħob tal-flus għandu jkun riżervat għall-għanijiet ta' utilità pubblika jew ta' interess ġenerali, is-suq Svediż huwa maqsum bejn, minn naħa, l-assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru li joperaw fit-territorju Svediż għall-finijiet ta' utilità pubblika li ngħataw awtorizzazzjonijiet skont l-Artikolu 15 tal-lotterilagen, u min-naħa l-oħra, żewġ operaturi tal-Istat jew fil-parti l-kbira kkontrollati minnu, jiġifieri l-kumpannija pubblika tal-logħob AB Svenska Spel u l-kumpannija pubblika b'sehem privat AB Trav och Galopp, ikkontrollata mill-Istat u l-organizzazzjonijiet ta' attivitajiet ekwestri,

li għandhom awtorizzazzjonijiet speċjali mogħtija skont l-Artikolu 45 tal-lotterilagen.

16. Il-Gvern Svediż għamel l-indikazzjonijiet addizjonali li ġejjin.

17. Fir-rigward tal-imħatri fuq l-isport u l-poker, fuq l-internet, dawn ma jistgħux jiġu organizzati ħlief b'awtorizzazzjoni speċjali mogħtija skont l-Artikolu 45 tal-lotterilagen. Għaldaqstant, il-kumpanniji AB Svenska Spel u AB Trav och Galopp biss setgħu jorganizzaw dan it-tip ta' logħob. Meta seħħew il-fatti li taw lok għall-kawżi prinċipali, l-ebda awtorizzazzjoni għal-logħob tal-poker fuq l-internet ma kienet ingħatat. Kien biss f'Novembru 2005 li l-kumpannija AB Svenska Spel ingħatat tali awtorizzazzjoni għal perijodu ta' sentejn.

18. Il-kundizzjonijiet applikabbli għall-awtorizzazzjoni jinkludu r-rekwiżiti relatati mar-responsabbiltà soċjali assunta, mal-protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari tal-minuri, u mal-limiti fuq ir-rebħ mogħti bil-għan li tkun ikkontrollata d-dipendenza fuq il-logħob u li tipprevjeni l-kriminalità. Barra minn hekk, l-awtorizzazzjonijiet jimponu r-restrizzjonijiet fuq l-operaturi f'dak li jikkonċerna l-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni tal-logħob tagħhom.

19. Skont l-Artikolu 48 tal-lotterilagen, awtorità pubblika, il-Lotteriinspektionen (spezzjoni tal-lotteriji u tal-logħob tal-ażżard), teżerċita, b'mod ċentralizzat, il-kontroll tal-osservanza tal-lotterilagen. Barra minn hekk, il-Lotteriinspektionen ġiet inkarigata, abbażi tal-lotterilagen, biex tabbozza l-leġiżlazzjonijiet relattivi għall-kontroll u għar-regolament intern neċessarji għal-logħob differenti. Hija teżerċita wkoll is-sorveljanza fuq l-attività ta' AB Svenska Spel u twettaq spezzjonijiet u kontrolli regolari.

20. Barra minn hekk, l-Istat, bħala azzjonist, jeżerċita l-kontroll fuq AB Svenska Spel, billi jagħtiha d-direttivi. Skont dawn id-direttivi, din il-kumpannija għandha jkollha attitudni responsabbli fil-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob tagħha, li timplika ugwalment missjoni soċjali, bil-għan li ma tidħirx wisq insistenti.

21. Skont l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 16 tal-Kodiċi Kriminali (brottsbalken) [4], l-organizzazzjoni ta' logħob tal-flus mingħajr awtorizzazzjoni fl-Isvezja tikkostitwixxi reat ta' logħob illegali. Dan huwa punibbbli b'multa jew b'mhux iktar minn sentejn priġunerija. Jekk il-ksur jitqies bħala serju, dan ikun punibbli, bħala reat ta' logħob illegali serju u skont il-paragrafu 14a tal-Kapitolu tal-brottsbalken, b'mhux inqas minn sitt xhur u b'mhux iktar minn erba' snin priġunerija.

4 — Iktar 'il quddiem il-"brottsbalken".

22. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 54(1) tal-lotterilagen, min, intenzjonalment jew b'imprudenza serja, jorganizza l-logħob illegali tal-flus jew iżomm illegalment ċerti tipi ta' magni tal-flus huwa suġġett għal multa jew għal piena ta' mhux iktar minn sitt xhur priġunerija.

23. Peress li l-lotterilagen tapplika biss fit-territorju Svediż, il-projbizzjoni tal-logħob tal-flus mingħajr awtorizzazzjoni ma tapplikax għal-logħob organizzat barra mill-pajjiż. Din il-projbizzjoni ma tapplikax lanqas għal-logħob propost fuq l-internet lill-konsumaturi Svediżi minn Stat Membru ieħor u l-lotterilagen ma tipprojbixxix lill-persuni li jilagħbu milli jipparteċipaw fil-logħob tal-flus organizzat barra mill-pajjiż. Bl-istess mod, awtorizzazzjoni mogħtija skont il-lotterilagen tagħti, fir-rigward tad-detentur tagħha, id-dritt li jipproponi s-servizzi ta' logħob fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-lotterilagen biss, jiġifieri fit-territorju Svediż.

B — *Il-projbizzjoni tal-promozzjoni tal-logħob tal-flus*

24. L-Artikolu 38(1)(1) tal-lotterilagen jipprojbixxi l-promozzjoni, mingħajr permess speċjali u għal skopijiet ta' lukru, f'attività professjonali jew b'kull mod ieħor, ta' parteċipazzjoni fil-logħob tal-flus organizzat fit-territorju Svediż mingħajr awtorizzazzjoni jew fil-logħob tal-flus organizzat barra mill-Isvezja.

25. L-Artikolu 54(2) tal-lotterilagen jipprovdi li min jippromwovi illegalment għal skopijiet ta' lukru, fil-kuntest ta' attività professjonali jew b'kull mod ieħor, il-parteċipazzjoni fil-logħob tal-flus organizzat barra mill-pajjiż, huwa suġġett għal multa jew għal piena ta' mhux iktar minn sitt xhur priġunerija jekk il-promozzjoni tkun immirata speċifikament lejn parteċipanti residenti fl-Isvezja.

26. Il-qorti tar-rinviju tispeċifika li din id-dispożizzjoni ġiet introdotta permezz ta' emenda li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1999. Hija tiddikjara li l-liġi preċedenti dwar il-lotteriji u l-logħob tal-ażżard [5] kienet tikkriminalizza l-promozzjoni tal-logħob tal-flus, kemm jekk huma organizzati fit-territorju nazzjonali kif ukoll barra mill-pajjiż. Bl-introduzzjoni tal-lotterilagen, il-promozzjoni ġiet dekriminalizzata minħabba n-numru żgħir ta' ksur u għaliex, f'diversi każi, multa amministrattiva kienet biżżejjed biex tilħaq ir-riżultat mixtieq.

27. Il-promozzjoni tal-logħob tal-flus organizzat barra mill-pajjiż ġiet ippenalizzata mill-ġdid għaliex il-multi amministrattivi ma kinux effiċjenti biżżejjed u wkoll għaliex il-Lotteriinspecktionen ma setgħetx

5 — SFS 1982, Nru 1011.

tikkontrolla l-logħob barra mill-pajjiż u tipproteġi l-konsumaturi Svediżi.

28. Barra minn hekk, skont il-qorti tar-rinviju, il-Gvern Svediż sostna li l-għan li jiġi applikat il-qligħ mil-logħob għall-finijiet ta' interess ġenerali jew ta' utilità pubblika ma setax ikompli jiġi protett jekk l-operaturi barranin jingħataw aċċess għas-suq Svediż u li d-dħul importanti rriskja li jħalli t-territorju tar-Renju tal-Isvezja.

30. L-Åklagaren (Ministeru Pubbliku) ressaq proċeduri kontra O. Sjöberg u A. Gerdin abbażi tal-Artikolu 54(2) tal-lotterilagen, talli ppromwovew intenzjonalment b'mod illegali u għal skopijiet ta' lukru l-parteċipazzjoni fil-logħob tal-ażżard organizzat barra mill-pajjiż. L-iStockholms tingsrätt (Qorti tal-Prim'Istanza ta' Stokkolma) ikkundannathom kull wieħed għal multa ta' SEK 1 000 kuljum għal 50 ġurnata minħabba l-ksur tal-lotterilagen.

31. O. Sjöberg u A. Gerdin appellaw quddiem is-Svea hovrätt (Qorti tal-Appell ta' Stokkolma) (l-Isvezja), li, għall-ewwel, ċaħdet li tippermetti proċedura ta' appell fiż-żewġ kawżi. Huma kkontestaw din id-deċiżjoni ta' rifjut quddiem il-Högsta domstolen (Qorti Suprema), li ddeċidiet favur l-ammissibbiltà tal-appell u rrinvijat il-kawża quddiem is-Svea hovrätt.

II — Il-fatti, il-proċedura fil-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

29. O. Sjöberg u A. Gerdin kienu kap edituri u pubblikaturi, rispettivament, tal-ġurnali *Expressen* u *Aftonbladet*. Bejn Novembru 2003 u Awwissu 2004, huma ippubblikaw fil-paġni sportivi tal-ġurnali tagħhom, immirati għall-pubbliku Svediż, ir-reklami għal-lotteriji proposti fuq siti tal-internet tal-kumpanniji Expekt, Unibet, Ladbrokes u Centrebet, stabbiliti fi Stati Membri oħrajn. Skont il-Gvern Svediż, dawn il-kumpanniji huma stabbiliti f'Malta jew fir-Renju Unit.

32. Il-Högsta domstolen ibbażat prinċipalment din id-deċiżjoni fuq il-motiv li "teżisti inċertezza dwar jekk id-dispożizzjonijiet kriminali tal-lotterilagen jagħtux lok għal applikazzjoni nondiskriminatorja fir-rigward ta' promozzjoni tal-parteċipazzjoni, minn naħa, fil-lotteriji organizzati mingħajr awtorizzazzjoni fit-territorju nazzjonali u, min-naħa l-oħra, fil-lotteriji organizzati barra mill-pajjiż. […] F'kull każ, tqum ukoll il-kwistjoni dwar jekk ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi stabbiliti fl-Artikolu 38 u fl-Artikolu 54 tal-lotterilagen jistgħux ikunu aċċettati minħabba li jaqgħu taħt l-eċċezzjonijiet espliċitament stabbiliti fit-Trattat KE jew jekk huma jistgħux ikunu ġġustifikati permezz ta' raġunijiet imperattivi

ta' interess ġenerali u għaldaqstant jitqiesu bħala proporzjonati".

33. Quddiem is-Svea hovrätt, O. Sjöberg u A. Gerdin, sostnew, minn naħa, li l-lotterilagen hija b'mod ċar diskriminatorja minħabba li Artikolu 54(2) tagħha jirreferi biss għall-promozzjoni tal-lotteriji organizzati barra mill-pajjiż u li l-promozzjoni tal-logħob organizzat mingħajr awtorizzazzjoni fl-Isvezja hija suġġetta biss għal multa amministrattiva.

34. Min-naħa l-oħra, huma sostnew li l-lotterilagen tmur ukoll kontra l-Artikolu 49 KE minħabba li wieħed mill-għanijiet tagħha, kif jirriżulta mix-xogħlijiet preparatorji ta' din il-leġiżlazzjoni, huwa li jiggarantixxi d-dħul tal-Istat u tal-assoċjazzjonijiet. Għaldaqstant, dan il-għan ma jistax jitqies sempliċiment bħala "konsegwenza vantaġġuża inċidentali", fis-sens tas-sentenza Gambelli *et* [6]. Barra minn hekk, skont O. Sjöberg u A. Gerdin, il-kumpanniji tal-logħob ikkontrollati mir-Renju tal-Isvezja jeżerċitaw marketing intensiv u fuq skala kbira, bil-għan li jħeġġu lill-konsumaturi sabiex jipparteċipaw fil-logħob li jipproponu, b'tali mod li l-lotterilagen ma tissodisfax il-għan li jkunu llimitati l-okkażjonijiet ta' logħob b'mod koerenti u sistematiku, kif titlob il-ġurisprudenza [7].

6 — Sentenza tas-6 ta' Novembru 2003 (C-243/01, Ġabra p. I-13031, punt 62).

7 — *Ibidem* (punt 69).

35. L-Åklagaren sostna, min-naħa tiegħu, li l-lotterilagen ma tiksirx il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għaliex, minn naħa, l-Artikolu 38(1)(1) tagħha jipprojbixxi mingħajr distinzjoni l-promozzjoni tal-logħob tal-flus organizzat fl-Isvezja mingħajr awtorizzazzjoni u dik tal-logħob tal-flus organizzat barra mill-Isvezja u, min-naħa l-oħra, kull persuna li tippromwovi l-parteċipazzjoni f'logħba tal-flus organizzata fit-territorju Svediż mingħajr awtorizzazzjoni tista' tiġi kkundannata għal kompliċità ta' ksur.

36. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, is-Svea hovrätt iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

1) F'ċerti ċirkustanzi, diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità fi swieq nazzjonali ta' logħob tal-ażżard u lotteriji tista' tkun iġġustifikata minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali?

2) Jekk jeżistu numru ta' għanijiet segwiti mill-politika restrittiva adottata f'suq nazzjonali ta' logħob tal-ażżard u lotteriji u wieħed minnhom huwa l-iffinanzjar ta' attivitajiet soċjali, dan jista' jitqies bħala aspett pożittiv inċidentali, konsegwenza ta' din il-politika restrittiva? Fil-każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda, il-politika restrittiva li qed tiġi segwita tista' tkun aċċettabbli jekk l-għan tal-iffinanzjar ta' attivitajiet soċjali ma jistax

jitqies bħala l-għan prinċipali tal-politika restrittiva?

3) L-Istat jista' jinvoka raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali bħala ġustifikazzjoni għal politika restrittiva tal-logħob tal-ażżard jekk kumpanniji kkontrollati mill-Istat jikkummerċjalizzaw l-logħob tal-ażżard u l-lotteriji, li l-qliegħ tagħhom imur f'idejn l-Istat, u wieħed mill-għanijiet ta' din il-kummerċjalizzazzjoni huwa l-iffinanzjar ta' attivitajiet soċjali? Fil-każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda, il-politika restrittiva li qed tiġi segwita tista' tkun, madankollu, aċċettabbli jekk jiġi deċiż li l-iffinanzjar ta' attivitajiet soċjali mhuwiex l-għan prinċipali tal-kummerċjalizzazzjoni?

4) Projbizzjoni totali fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard u lotteriji organizzati fi Stat Membru ieħor minn kumpannija tal-logħob tal-ażżard stabbilita hemmhekk u ssorveljata mill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru tista' tkun proporzjonali mal-għan ta' sorveljanza u ta' monitoraġġ tal-attività tal-logħob tal-ażżard, meta fl-istess ħin m'hemmx restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard u lotteriji organizzati minn kumpanniji tal-logħob tal-ażżard stabbiliti fi Stat Membru li jadotta l-politika restrittiva? X'inhi r-risposta għad-domanda jekk l-għan tat-tali arranġament huwa dak li jiġi limitat il-logħob tal-ażżard?

5) Operatur tal-logħob tal-ażżard li ngħata liċenzja sabiex jopera ċertu attività ta' logħob tal-ażżard fi Stat u li huwa sorveljat mill-awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż huwa intitolat li jikkummerċjalizza l-prodotti tiegħu tal-logħob tal-ażżard fi Stati Membri oħra, per eżempju, permezz ta' reklami f'gazzetti, mingħajr ma japplika minn qabel għal liċenzja mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati? Jekk tingħata risposta affermattiva għal din id-domanda, ir-regoli ta' Stat Membru li jkunu bbażati fuq l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali fuq il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fil-lotteriji organizzati barra mill-pajjiż għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jikkostitwixxu ostakolu għal-libertà ta' stabbiliment u għall-libertà li jiġu pprovduti servizzi li ma jista' qatt ikun iġġustifikat minn raġunijiet imperattiva ta' interess ġenerali? Il-kwistjoni ta' jekk l-Istat Membru li fih huwa stabbilit l-operatur jinvokax jew le l-istess raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali bħal dawk tal-pajjiż li fih l-operatur jixtieq jikkummerċjalizza l-attività tiegħu ta' logħob tal-ażżard, hija rilevanti għar-risposta għall-ewwel domanda?

III — Analiżi

37. Qabel l-eżami tad-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju, jiena ser nesponi, minn naħa, li l-konformità tad-dispożizzjoni inkwistjoni mal-libertajiet taċ-ċirkulazzjoni għandha tiġi eżaminata fid-dawl

tal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi skont l-Artikolu 49 KE u, min-naħa l-oħra, dawn id-domandi għandhom jiġu eżaminati abbażi tal-punti prinċipali tal-ġurisprudenza fil-qasam tal-logħob tal-flus.

38. Fuq l-ewwel punt, mill-indikazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-pubblikità allegata lill-appellanti fil-kawżi prinċipali hija relatata mal-logħob tal-flus propost fuq is-siti tal-internet ta' diversi fornituri tal-logħob stabbiliti fi Stati Membri oħra. Skont il-ġurisprudenza, il-logħob tal-flus propost minn tali fornituri fuq is-siti tal-internet tagħhom, għaldaqstant mingħajr ma jiċċaqalqu, għad-destinatarji residenti fi Stat Membru, f'dan il-każ ir-Renju tal-Isvezja, jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi [8].

39. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li operatur ekonomiku li jaġixxi bħala intermedjarju ta' fornitur tal-logħob stabbilit fi Stat Membru ieħor jista' jinvoka kontra l-Istat tiegħu, fil-kuntest ta' din l-attività intermedjarja, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 49 KE [9]. L-istess analiżi tista' tiġi estiża għall-fornituri ta' servizzi ta' pubblikità meta jippromwovu operatur ekonomiku stabbilit fi Stat Membru ieħor sabiex jippermettu lil dan l-operatur li jiżviluppa l-attività tiegħu fl-Istat tagħhom.

40. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni tal-lotterilagen, jiġifieri dawk tal-Artikolu 38 li jipprojbixxu l-promozzjoni fl-Isvezja ta' logħob tal-flus organizzat f'dan l-Istat Membru mingħajr awtorizzazzjoni u fi Stati Membri oħra kif ukoll dawk tal-Artikolu 54(2), li jissanzjonaw kriminalment il-promozzjoni fl-Isvezja ta' logħob tal-flus organizzat barra mill-pajjiż, għandhom bħala għan u bħala effett li jirristrinġu l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi Svediżi f'dan il-logħob. Huma intiżi sabiex il-konsumaturi Svediżi ma jintefgħux fuq il-logħob tal-flus ħlief fil-kuntest tas-sistema nazzjonali awtorizzata. Konsegwentement, dawn id-dispożizzjonijiet jikkostitwixxu, f'dak li jikkonċerna l-fornituri tal-logħob tal-flus stabbiliti fi Stati Membri oħrajn, restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi tagħhom fl-Isvezja.

41. Fuq it-tieni punt, huwa paċifiku li l-logħob tal-flus ma jikkostitwixxix attività ekonomika ordinarja.

42. Skont ġurisprudenza stabbilita, fid-dawl tan-nuqqas ta' armonizzazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam, l-Istati Membri jistgħu jipprovaw jirristrinġu l-organizzazzjoni u l-operat ta' din l-attività fit-territorju tagħhom biex jipproteġu l-ordni pubblika kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità, kif ukoll il-konsumaturi kontra inċentiva

8 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Gambelli *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 54).

9 — *Ibidem* (punt 58). Ara, ukoll, is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 1999, Zenatti (C-67/98, Ġabra p. I-7289, punt 27).

eċċessiva fil-logħob [10]. Huma jistgħu wkoll, għal raġunijiet ta' ordni morali, reliġjuża jew kulturali, jiddeċiedu li l-logħob tal-flus ma għandux jikkostitwixxi sors ta' qligħ individwali iżda benefiċċju esklużivament għal raġunijiet ta' interess ġenerali [11].

43. Madankollu, sabiex ir-restrizzjonijiet fuq il-libertajiet taċ-ċirkulazzjoni adottati minn Stat Membru għal dan il-għan ikunu konformi mad-dritt Komunitarju, jeħtieġ li dawn ikunu nondiskriminatorji [12]. Huma għandhom ikunu wkoll adegwati sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għanijiet tagħhom u li jkunu proporzjonati [13].

44. Fir-rigward ta' din il-kundizzjoni, huwa aċċettat li, madankollu, fil-qasam partikolari tal-logħob tal-flus, l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa mhux biss fid-determinazzjoni tal-livell ta' protezzjoni tal-ordni pubblika u tal-konsumaturi li jixtiequ jistabbilixxu fit-territorju tagħhom, imma wkoll fl-għażla tal-mezzi li għandhom jintużaw għal dan il-għan [14].

45. Fil-kuntest ta' din is-setgħa diskrezzjonali, Stat Membru, bħar-Renju tal-Isvezja, jista' jirriżerva d-dritt esklużiv li jopera l-logħob tal-flus fil-kumpanniji li jappartjenu lilu jew fl-entitajiet mingħajr skop ta' lukru li jaġixxu taħt il-kontroll tiegħu. Fil-fatt, Stat Membru jista' jmexxi u jikkontrolla l-attività ta' tali korpi b'mod iktar faċli milli jista' jagħmel dan fir-rigward ta' operatur privat li għandu interess ekonomiku, b'tali mod li sistema bħal din tista' tippermetti li tkun żgurata protezzjoni aħjar tal-konsumaturi kontra r-riskju tal-vizzju tal-logħob, u tal-ordni pubblika kontra r-riskji ta' frodi u ta' logħob klandestin [15]. Hija tippermetti wkoll li jintuża, b'mod sħiħ, il-qligħ li jirriżulta għall-finijiet ta' utilità pubblika [16].

46. Fis-sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet il-kjarifiki li ġejjin f'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri li Stat Membru għandu d-dritt li jadotta fir-rigward tal-logħob tal-flus proposti fuq l-internet minn kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra.

47. Fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi fuq il-leġiżlazzjoni Portugiża li tirriżerva, għad-Departamento de Jogos da Santa Casa da Misericórdia de Lisboa (iktar 'il quddiem "Santa Casa"), persuna ġuridika ta' utilità pubblika amministrattiva, id-dritt esklużiv li

10 — Sentenza tas-6 ta' Marzu 2007, Placanica *et* (C-338/04, C-359/04 u C-360/04, Ġabra p. I-1891, punt 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

11 — Sentenza tal-24 ta' Marzu 1994, Schindler (C-275/92, Ġabra p. I-1039, punt 60).

12 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Schindler (punt 61) kif ukoll Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International (punt 60).

13 — Sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq (punt 59).

14 — Sentenza tal-21 ta' Settembru 1999, Läärä *et* (C-124/97, Ġabra p. I-6067, punt 39).

15 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Läärä *et* (punti 39 sa 41) kif ukoll Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International (punt 67). Ara, ukoll, is-sentenza tal-Qorti tal-EFTA, tal-14 ta' Marzu 2007, EFTA Surveillance Authority vs In-Norveġja (E-1/06, Rapport tal-Qorti tal-EFTA, p. 7, punt 51).

16 — Sentenza Läärä *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 37).

topera l-logħob tal-flus taħt forma ta' lotteriji, logħob tal-lottu u ta' imħatri fuq l-isport. Dan id-dritt esklużiv ġie estiż għall-operat ta' dan il-logħob permezz tal-internet.

48. Il-kwistjoni kienet dwar jekk dan il-monopolju setax jipprekludi fornitur tal-logħob fuq l-internet stabbilit f'Ġibiltà, li xtaq jipproponi l-logħob tal-flus fuq l-internet għall-konsumaturi residenti fil-Portugall. Dan il-fornitur, kif ukoll il-Liga Portuguesa de Futebol Profissional, li magħha kien ikkonkluda kuntratt ta' patroċinju, ikkontestaw il-multi li kienu ġew imposti fuqhom minn Santa Casa talli naqsu milli josservaw il-monopolju ta' operat tagħha tal-logħob tal-flus bl-internet.

49. Il-Gvern Portugiż u Santa Casa sostnew li l-għan prinċipali tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kien li tiġi miġġielda l-kriminalità, iktar speċifikament, il-protezzjoni tal-konsumaturi tal-logħob tal-flus kontra l-frodi mwettqa mill-operaturi. Huma argumentaw li l-kundizzjonijiet legali li fihom Santa Casa teżerċita l-attivitajiet tagħha jagħtu lill-Istat il-garanzija suffiċjenti fir-rigward tal-osservanza tar-regoli intiżi biex jissalvagwardjaw l-onestà fil-logħob li hija torganizza. Il-Gvern Portugiż sostna li l-awtoritajiet ta' Stat Membru ma għandhomx l-istess possibbiltajiet ta' kontroll f'dak li jikkonċerna l-forniturі tal-logħob fuq l-internet stabbiliti barra mit-territorju nazzjonali.

50. Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li l-ġlieda kontra l-kriminalità tista' tikkostitwixxi motiv leġittimu ta' restrizzjoni fir-rigward tal-operaturi li jkunu awtorizzati sabiex jipproponu l-logħob tal-flus u li hija aċċettat li l-qafas tal-logħob f'sistema ta' drittijiet esklużivi ppermetta li jillimita l-operat tagħhom għal ambjent ikkontrollat u li jipprevjeni r-riskji ta' tali operat għal finijiet kriminali.

51. Wara, hija kkonstatat li, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-funzjonament ta' Santa Casa, l-għoti ta' monopolju ta' operat tal-logħob tal-flus fuq l-internet lil tali operatur, suġġett għal kontroll strett mill-awtoritajiet pubbliċi, ippermetta li jillimita l-operat ta' dan il-logħob għal ambjent ikkontrollat u seta' jitqies bħala adatt biex jipproteġi lill-konsumaturi kontra r-riskji ta' frodi [17].

52. Fir-rigward tan-neċessità ta' monopolju bħal dan, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni fis-settur tal-logħob tal-flus fuq l-internet, Stat Membru seta' jikkunsidra li s-sempliċi fatt li operatur jipproponi legalment tali logħob fi Stat Membru ieħor, fejn ikun stabbilit u fejn fil-prinċipju jkun diġà suġġett għall-kundizzjonijiet legali u għall-kontrolli minnaħa tal-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat tal-aħħar, ma jistax jitqies bħala garanzija suffiċjenti ta' protezzjoni tal-konsumaturi nazzjonali kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità, fid-dawl tad-diffikultajiet li jistgħu jsibu l-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' stabbiliment fir-rigward tal-evalwazzjoni

17 — Sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq (punt 67).

tal-kwalitajiet u tal-onestà professjonali tal-operaturi [18].

53. Barra minn hekk, hija esponiet li, minħabba nuqqas ta' kuntatt dirett bejn il-konsumatur u l-operatur, il-logħob tal-flus aċċessibbli bl-internet jimplika r-riskji ta' natura differenti u ta' importanza ikbar meta mqabbel mas-swieq tradizzjonali tal-logħob f'dak li jikkonċerna l-eventwali frodi mwettqa mill-operaturi fil-konfront tal-konsumaturi [19].

54. Minn dan hija ddeduċiet li r-restrizzjoni inkwistjoni f'din il-kawża setgħet, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-offerta ta' logħob bl-internet, titqies bħala ġġustifikata minħabba l-għan tal-ġlieda kontra l-frodi u l-kriminalità.

55. Fl-opinjoni tiegħi, it-tagħlim segwenti jista' jirriżulta minn din is-sentenza. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-logħob fuq l-internet jinvolvi r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità iktar importanti mil-logħob tal-flus propost minn mezzi tradizzjonali. Dan jista' jkun, pereżempju, użu frawdolenti ta' mezzi ta' ħlas fuq l-internet jew qerq fir-riżultati tal-logħob tal-ażżard. Minħabba r-riskji partikolari li jippreżenta, il-logħob tal-flus fuq l-internet jista', għaldaqstant, ikun is-suġġett ta' miżuri speċjali.

56. Sussegwentement, minħabba l-importanza ta' dawn ir-riskji, il-proporzjonalità ta' restrizzjoni għall-aċċess tas-suq ta' Stat Membru bbażata b'mod partikolari fuq il-protezzjoni tal-ordni pubblika kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità marbutin ma' dan it-tip ta' logħob għandha tiġi eżaminata biss fir-rigward ta' dan il-għan.

57. Minn dan jirriżulta wkoll li, mill-mument li fih sistema nazzjonali tidher li hija kapaċi tipproteġi, b'mod effettiv, lill-konsumaturi kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità tal-logħob fuq l-internet, bħalma jista' jkun monopolju mogħti lil entità kkontrollata b'mod strett mill-awtoritajiet pubbliċi, fejn restrizzjoni tista' tasal sa projbizzjoni totali mis-suq għall-operaturi stabbiliti fi Stati Membri oħra, ikun xi jkun il-kuntest legali li jiġbor l-attivitajiet tagħhom fl-Istat ta' stabbiliment tagħhom, tista' tkun konformi mad-dritt Komunitarju. Barra minn hekk, din il-konformità ma tiddependix minn jekk din l-entità teżerċitax jew le l-attività tagħha bħala attività ekonomika ordinarja li tfittex il-qligħ massimu u jekk, skont il-każ, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni hijiex adatta li tilħaq l-għanijiet l-oħrajn tagħha, bħall-protezzjoni tal-konsumaturi kontra inċentiva eċċessiva għal-logħob.

58. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li ser neżamina

18 — *Ibidem* (punt 69).
19 — *Ibidem* (punt 70).

d-domandi tal-qorti tar-rinviju f'dak li jikkonċerna, l-ewwel nett, il-proporzjonalità tal-leġiżlazzjoni tagħha sa fejn din tipprojbixxi l-pubblikità tal-logħob fuq l-internet pprovdut minn fornituri stabbiliti fi Stati Membri oħra u wara, fit-tieni nett, il-konformità mal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi tas-sanzjonijiet stabbiliti minn din il-leġiżlazzjoni.

tali logħob mill-Istat Membru fit-territorju li fih huma stabbiliti (il-ħames domanda).

60. Sa fejn il-kawżi prinċipali jikkonċernaw il-proċeduri mibdija kontra l-fornituri ta' servizzi ta' pubblikità minħabba li jkunu ppromwovew il-logħob tal-flus propost fuq l-internet, jiena nipproponi li d-domandi tal-qorti tar-rinviju għandhom jinftehmu fis-sens li hija tistaqsi jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali, billi hija tipprojbixxi l-promozzjoni fl-Isvezja tal-logħob propost fuq l-internet minn kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra, tistax titqies proporzjonata mal-għanijiet tagħha.

A — *Dwar il-proporzjonalità tal-projbizzjoni li tagħmel pubblikità*

61. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għal dawn id-domandi hija dedotta mis-sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq.

59. Permezz tat-tieni sal-ħames domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-proporzjonalità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha fir-rigward taċ-ċirkustanzi li ġejjin. Minn naħa, il-fatt li din il-leġiżlazzjoni, li għandha l-għan li tiġġieled il-kriminalità u li tipproteġi lill-konsumaturi, għandha wkoll il-għan li tiffinanzja attivitajiet soċjali u tipprovdi li parti mid-dħul mill-logħob awtorizzat imur direttament għand l-Istat (it-tieni u t-tielet domanda), min-naħa l-oħra, il-fatt li l-fornituri tal-logħob awtorizzat fl-Isvezja jħeġġu u jinkoraġġixxu lill-konsumaturi biex jipparteċipaw fil-logħob tal-flus mingħajr ebda restrizzjoni min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti (ir-raba' domanda), fl-aħħar nett, il-fatt li l-kumpanniji, li għandhom il-logħob fuq l-internet kienu s-suġġett tal-promozzjoni kkontestata, huma awtorizzati biex jipprovdu

62. Bħall-kawża li tat lok għal din is-sentenza, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni għandha, b'mod partikolari, il-għan li tipproteġi l-konsumaturi kontra r-riskju ta' kriminalità marbuta mal-logħob. Kif ukoll jirriżulta mill-għanijiet tagħha, hija intiża biex tiżgura suq nadif u sigur u li tikkunsidra r-riskji ta' frodi u ta' logħob illegali.

63. Bl-istess mod, bħal-leġiżlazzjoni inkwistjoni f'din il-kawża, hija tipprovdi għal dan il-għan sistema ta' drittijiet esklużivi riżervati għall-korpi li l-attività tagħhom hija kkontrollata b'mod strett mill-awtoritajiet pubbliċi. Għaldaqstant,

bis-saħħa tal-lotterilagen, il-logħob tal-flus għandu jkun operat mhux minn kumpanniji li għandhom interessi privati, iżda biss minn korpi li għandhom għan mingħajr skop ta' lukru jew minn kumpanniji tal-Istat. Hija tistabbilixxi wkoll sistema ta' kontroll fil-fond permezz ta' awtorità maħluqa speċjalment għal dan l-effett.

64. F'dak li jikkonċerna b'mod iktar partikolari l-logħob fuq l-internet, mill-ispjegazzjonijiet tal-Gvern Svediż jirriżulta li l-operat ta' dan tal-aħħar huwa suġġett għal sistema ta' awtorizzazzjoni speċjali, li kienet mogħtija biss lill-kumpanniji tal-Istat jew ikkontrollati fil-parti l-kbira minnu.

65. Kif rajt, fis-sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fil-kuntest ta' tali sistema, Stat Membru seta' jipprojbixxi lill-fornituri tal-logħob fuq l-internet stabbiliti fi Stati Membri oħra milli jipproponu l-logħob tagħhom lill-konsumaturi residenti fit-territorju tagħhom, sabiex jipproteġi lill-konsumaturi kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità.

66. Barra minn hekk, jiena ddikjarajt li minn din is-sentenza jirriżulta li din l-analiżi ma tiddependix minn jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni hijiex adatta li tilħaq l-għanijiet l-oħra tagħha, bħall-protezzjoni tal-konsumaturi kontra inċentiva eċċessiva għal-logħob. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fir-rigward tar-riskji partikolari ppreżentati mil-logħob fuq l-internet, Stat Membru li jistabbilixxi sistema effiċjenti biex jipproteġi l-konsumaturi kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità imposti minn tali logħob għandu d-dritt li jirrestriġi l-provvista tagħha lill-persuni residenti fit-territorju tiegħu.

67. Il-motivi li fuqhom il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat din id-deċiżjoni japplikaw *a fortiori* għal miżura inqas restrittiva minn projbizzjoni totali ta' attività, bħall-projbizzjoni tal-promozzjoni tal-logħob fuq l-internet organizzat minn kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra.

68. Ir-riskji partikolari ta' frodi u ta' kriminalità ppreżentati mil-logħob fuq l-internet, peress li jawtorizzaw Stat Membru biex jipprojbixxi s-suq tiegħu lill-operaturi stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra għar-raġuni li ma jkunx jista' jikkontrolla huwa stess l-integrità ta' dawn il-fornituri, jiġġustifikaw ukoll il-fatt li huwa jipprojbixxi l-promozzjoni, fir-rigward tal-konsumaturi residenti fit-territorju tiegħu, tal-logħob propost mill-imsemmija fornituri biex jidderieġu lil dawn il-konsumaturi lejn il-korpi li huma suġġetti għall-kontroll tiegħu.

69. Ċertament, kif jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet tal-Gvern Svediż fis-seduta, il-leġiżlazzjoni Svediża ma tipprojbixxix lill-ġurnali barranin mibjugħa fl-Isvezja milli jagħmlu l-pubbliċità għal-logħob barra mill-pajjiż fuq l-internet. Hija lanqas ma tobbliga

lill-operaturi barranin milli jagħmlu s-siti tal-internet tagħhom inaċċessibbli għall-konsumaturi residenti fl-Isvezja.

70. Madankollu, dawn iċ-ċirkustanzi ma jistgħux iqiegħdu fid-dubju l-koerenza tas-sistema Svediża u lanqas l-abbilità li tilħaq il-għan tagħha, tal-protezzjoni tal-konsumaturi kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità marbuta mal-logħob fuq l-internet. Minkejja dawn il-limiti, il-miżuri adottati għandhom l-effett li jirrestringu l-aċċess tal-konsumaturi residenti fl-Isvezja għat-tali logħob. Barra minn hekk, il-Gvern Svediż spjega b'mod ċar li kien qed iwettaq evalwazzjoni ta' dawn il-miżuri, b'mod partikolari, fir-rigward tal-impatt tal-poker fuq l-internet propost mill-kumpanniji awtorizzati fl-Isvezja.

71. B'hekk is-sistema żviluppata taqa' taħt l-ambitu tas-setgħa diskrezzjonali u tal-azzjoni ta' kompetenza tal-Istat. Deċiżjoni mod ieħor kienet tobbliga lill-Istati Membri biex jadottaw politika ta' kollox jew xejn.

72. Fir-rigward tal-ġurisprudenza mfakkra qabel, il-projbizzjoni li tirriżulta mill-Artikolu 38 tal-lotterilagen li ssir il-promozzjoni tal-logħob fuq l-internet propost minn kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra, tista', għaldaqstant, titqies bħala ġġustifikata mill-għan tal-ġlieda kontra l-frodi u l-kriminalità, irrispettivament minn jekk il-leġiżlazzjoni hijiex effettivament proporzjonata mal-għanijiet l-oħra, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi kontra inċentiva eċċessiva għal-logħob u dwar l-allokazzjoni tad-dħul mil-logħob għall-finanzjament ta' kawżi ta' interess ġenerali.

73. Konsegwentement, jiena nipproponi li r-risposta għat-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju għandha tkun li l-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tirriżerva d-dritt li dan jopera l-logħob tal-flus lill-operaturi awtorizzati li jeżerċitaw l-attività tagħhom taħt il-kontroll strett tal-awtoritajiet pubbliċi bil-għan li jipproteġu l-konsumaturi kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità billi jipprojbixxi li ssir il-promozzjoni tal-logħob fuq l-internet propost minn kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra.

B — *Dwar il-konformità tas-sanzjonijiet kriminali*

74. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 49 KE għandux ikun interpretat fis-sens li jipprekludi l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-logħob tal-flus għal sistema ta' drittijiet esklużivi bil-għan li tiġi miġġielda l-kriminalità u li tipproteġi lill-konsumaturi, li tipprovdi li min jippromwovi l-parteċipazzjoni fil-logħob fuq l-internet organizzat minn kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra huwa suġġett

għal sanzjonijiet penali filwaqt li min jippromwovi l-promozzjoni għat-tali logħob organizzat fit-territorju nazzjonali mingħajr awtorizzazzjoni ma jkunx suġġett għal tali sanzjonijiet.

75. Skont ġurisprudenza stabbilita, jekk Stat Membru għandu d-dritt li jirrestrinġi l-attivitajiet marbuta mal-logħob tal-flus fit-territorju tiegħu, il-miżuri li jadotta għal dan l-effett ma għandhomx ikunu diskriminatorji, anki jekk huma bbażati fuq id-difiża tal-ordni pubblika [20]. Din il-kundizzjoni tapplika bl-istess rekwiżit fir-rigward tal-miżuri intiżi biex jipproteġu l-konsumaturi kontra r-riskji partikolari ppreżentati mil-logħob fuq l-internet.

76. Huwa paċifiku li l-Artikolu 38(1) tal-lotterilagen jipprojbixxi mingħajr distinzjoni l-promozzjoni tal-logħob tal-flus organizzat barra mill-pajjiż u dik tal-logħob tal-flus organizzat fit-territorju nazzjonali mingħajr awtorizzazzjoni. Min-naħa l-oħra, tqum id-domanda fir-rigward tas-sanzjonijiet stabbiliti fil-każ ta' ksur ta' din il-projbizzjoni.

77. B'dan il-mod, filwaqt li l-Artikolu 54(2) tal-lotterilagen jipprovdi multa u mhux iktar minn sitt xhur priġunerija għall-persuni li jagħmlu l-pubbliċità għal-logħob organizzat barra mill-pajjiż, dawk li jagħmlu l-promozzjoni għal-logħob organizzat fl-Isvezja mingħajr awtorizzazzjoni ma humiex suġġetti għal sanzjonijiet kriminali ekwivalenti iżda għall-multi amministrattivi biss.

78. Il-Gvern Svediż jikkontesta din l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali. Huwa jesponi li l-lotterilagen, fil-każ ta' promozzjoni tal-logħob tal-flus organizzat fit-territorju nazzjonali mingħajr awtorizzazzjoni, tissanzjona l-ewwel nett l-organizzatur tal-logħba, ħaġa li ma tistax tagħmel fir-rigward tal-logħob organizzat barra mill-pajjiż. Madankollu, skont dan il-Gvern, il-persuna li tagħmel il-promozzjoni tal-logħob tal-flus organizzat fl-Isvezja mingħajr awtorizzazzjoni tista' tkun suġġetta għal proċeduri kriminali bbażati fuq l-Artikolu 54(1) tal-lotterilagen u fuq l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 23 tal-brottsbalken, għal kompliċità ta' ksur u hija suġġetta għas-sanzjonijiet ekwivalenti jew anki superjuri għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 54(2) tal-lotterilagen.

79. Il-kwistjoni dwar jekk l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali sostnuta mill-Gvern Svediż hijiex fondata taqa' esklużivament taħt is-setgħa diskrezzjonali tal-qorti nazzjonali. Hija din il-qorti li għandha tevalwa jekk, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt nazzjonali tagħha, il-kundizzjonijiet li taħthom persuna tagħmel il-promozzjoni tal-logħob fuq l-internet organizzat mingħajr awtorizzazzjoni minn kumpannija stabbilita fl-Isvezja jistgħux jiġu kkontestati u s-sanzjonijet li din il-persuna hija suġġetta

20 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Schindler (punt 61) kif ukoll Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International (punt 60).

għalihom japplikawx fir-rigward ta' persuna li tagħmel pubblikità għat-tali logħob organizzat minn kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra.

80. Fl-opinjoni tiegħi, fl-affermattiv, il-Qorti nazzjonali għandha tivverifika wkoll li dawn iż-żewġ ksur, fil-fatt, huma segwiti mill-awtoritajiet nazzjonali bl-istess diliġenza.

81. Jekk din il-verifika twassal għall-konklużjoni li ż-żewġ ksur inkwistjoni huma suġġetti għal trattament ekwivalenti, is-sistema nazzjonali, b'mod ċar, ma tkunx diskriminatorja, minkejja li d-dispożizzjonijiet li fuqhom jibbażaw il-proċeduri u li jistabbilixxu s-sanzjonijet applikabbli jkunu inklużi f'testi differenti. Fil-fatt, għal din l-evalwazzjoni, għandhom jitqiesu d-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt nazzjonali u li tingħata l-importanza lill-effetti konkreti tagħhom fuq il-persuni li jwettqu wieħed mill-ksur inkwistjoni.

82. Min-naħa l-oħra, jekk l-imsemmija verifika tikkonferma l-premessa tal-qorti tar-rinviju, li l-persuni li jagħmlu l-promozzjoni tal-logħob fuq l-internet organizzat fl-Isvezja mingħajr awtorizzazzjoni huma suġġetti biss għall-multi amministrattivi, għandu jiġi kkonstatat li d-dritt nazzjonali inkwistjoni jinkludi d-diskriminazzjoni li tagħmel id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 54(2) tal-lotterilagen kuntrarji għall-Artikolu 49 KE u konsegwentement infurzabbli kontra l-persuni akkużati fil-kuntest tal-kawżi prinċipali, skont is-sentenza Simmenthal [21].

83. Fil-fatt, jekk din il-premessa hija kkonfermata, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tinkludi d-differenza fit-trattament tas-sitwazzjonijiet komparabbli, b'detriment għall-kumpanniji stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra.

84. Għaldaqstant, fir-rigward tad-differenza fit-trattament, hija tirriżulta, b'mod ċar, mill-fatt, minn naħa, li multa kriminali, minħabba n-natura u l-iskop punittiv tagħha għandha, fil-prinċipju, natura iktar punittiva minn multa ta' natura amministrattiva, anki jekk l-ammont ta' din tal-aħħar huwa identiku. Hija tirriżulta, min-naħa l-oħra u fuq kollox, mill-fatt li l-Artikolu 54(2) tal-lotterilagen jipprovdi wkoll priġunerija li tista' tasal sa sitt xhur, anki sa sentejn fil-każijiet l-iktar serji.

85. Barra minn hekk, anki jekk, fiż-żewġ każijiet inkwistjoni fl-Artikolu 38 tal-lotterilagen, il-persuni akkużati jistgħu jkunu pubblikaturi li jeżerċitaw l-attività tagħhom fl-Isvezja, l-Artikolu 54(2) tal-lotterilagen, filwaqt li jikkunsidra esklużivament

21 — Sentenza tad-9 ta' Marzu 1978 (106/77, Ġabra p. 629, punt 24).

il-promozzjoni tal-logħob organizzat minn pajjiż barrani, jaffetwa iktar lill-kumpanniji tal-logħob stabbiliti fi Stati Membri oħra. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni tista' tiġi pparagunata ma' diskriminazzjoni indiretta abbażi taċ-ċittadinanza.

86. Fl-aħħar nett, mill-elementi tal-proċess ma jirriżultax, u l-Gvern Svediż ma pprovax juri li ż-żewġ kategoriji ta' ksur inkwistjoni għandhom jippreżentaw id-differenzi sinjifikattivi inkwantu għall-inkwiet ikkawżat minnhom jew il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jiġu kkonstatati, jistgħu jiġġustifikaw tali differenza ta' trattament.

87. Għaldaqstant, il-logħob fuq l-internet organizzat minn kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor ma jippreżentax, neċessarjament jew b'mod ġenerali, riskji ta' frodi u ta' kriminalità bi ħsara għall-konsumaturi iktar importanti mil-logħob organizzat b'mod klandestin minn kumpannija stabbilita fit-territorju nazzjonali. Il-fatt li l-Istat inkwistjoni ma għandux mezzi diretti ta' azzjoni u ta' kontroll fir-rigward ta' kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra ma jidhirlix li huwa ta' natura li tista' tinvalida din l-analiżi.

88. Barra minn hekk, sa fejn il-promozzjoni msemmija fl-Artikolu 38 tal-lotterilagen, fiż-żewġ każijiet inkwistjoni, hija mwettqa fl-Isvezja minn fornituri stabbiliti f'dan l-Istat Membru, jiena ma narax għaliex l-investigazzjonijiet neċessarji biex jinstabu l-awturi tagħhom jippreżentaw kumplessità ikbar fil-każ ta' logħob barrani, li jistgħu jiġġustifikaw, bil-għan li jiddiswadu, pieni iktar severi.

89. Għalhekk, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikolu 49 KE jipprekludi l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-logħob tal-flus għal sistema ta' drittijiet esklużivi bil-għan li tiġi miġġielda l-kriminalità u li tipproteġi lill-konsumaturi, li tipprovdi li min jippromwovi l-parteċipazzjoni fil-logħob fuq l-internet organizzat minn kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor huwa suġġett għal sanzjonijiet kriminali filwaqt li min jippromwovi l-parteċipazzjoni fit-tali logħob organizzat fit-territorju nazzjonali mingħajr awtorizzazzjoni ma huwiex suġġett għal tali sanzjonijiet.

IV — Konklużjoni

90. Fil-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li:

"1. L-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tirriżerva d-dritt li jopera l-logħob tal-flus lill-operaturi awtorizzati li jeżerċitaw l-attività tagħhom taħt il-kontroll strett tal-awtoritajiet pubbliċi bil-għan li jipproteġu l-konsumaturi kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità billi jipprojbixxi li ssir il-promozzjoni tal-logħob fuq l-internet propost minn kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra.

2. L-Artikolu 49 KE jipprekludi l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-logħob tal-flus għal sistema ta' drittijiet esklużivi, tipprovdi li min jippromwovi l-parteċipazzjoni fil-logħob fuq l-internet organizzat minn kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor huwa suġġett għal sanzjonijiet kriminali filwaqt li min jippromwovi l-parteċipazzjoni fit-tali logħob organizzat fit-territorju nazzjonali mingħajr awtorizzazzjoni mhux suġġett għal tali sanzjonijiet."